KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 435 (8-63)

It-Tnejn 3t'April fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace (ħarġet mil-laqgħa fis-7.30pm)

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Kurstein Sant
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**435.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**435.1.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace.

**435.1.3** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 434. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekondat. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**435.2** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**435.2.1** Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għal punt 434.4.1 u qal li s-Sindku qal li sal-aħħar tas-sena ser jingħata pjan tax-xogħolijiet.

**435.2.2** Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għal Mozzjoni kif tidher fil-Minuti 434 .4. Hu qal li fis-Seduta preċedenti ittieħdet votazzjoni fuq il-mozzjoni iżda mhix imniżżla fil-Minuti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma tniżżlitx il-votazzjoni peress li tressqet kontro-mozzjoni għall-istess Mozzjoni. Il-Kunsillier Borg talab li xorta titniżżel. Il-votazzjoni fuq il-Mozzjoni oriġinali kienet 2 favur u 4 kontra. Il-Mozzjoni m'għaddietx.

**435.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**435.3.1** Is-Sindku informa li kkomunika miegħu is-sagristan li din is-sena ser jiġu mżanżna 'listi' għal festuni ta' mal-faċċata tal-knisja mogħtija minn benefattur. Is-Sagristan ressaq talba għall-finanzjament tal-bozoz mill-Kunsill bi spiża ta' €2500. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm limitazzjoni fl-għajnuna finanzjarja lill-għaqdiet għax il-Kunsill għandu l-prijoritajiet tiegħu. Is-Sindku qal li l-fondi tal-Kunsill huma limitati u kull spiża għandha tkun long-term u għajnuna finanzjarja m'għandhiex tkun a skapitu ta' xogħolijiet u proġetti essenzjali. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa qabel biex jgħin fit-tiswija tal-membrane tal-kappella ta' Ħal Xluq.

**435.3.2** Fuq l-istess suġġett, is-Sindku qal li l-Kunsill jagħti ħafna għajnuna lill-għaqdiet iżda m'hemmx rikonoxximent lejn il-Kunsill. Huwa semma li b'dispjaċir reġa' kien hemm nuqqas simili din is-sema mill-għaqdiet li l-Kunsill jgħin għall-mixgħela. Is-Sindku semma li assista għal intervista fuq it-televiżjoni lokali li l-Kunsill qas biss issemma. Is-Sindku qal li ser jiġu imfassla sett ta' kundizzjonijiet li kull għaqda għandha timxi magħhom meta tingħata għajnuna, simili bħal meta l-Kunsill jieħu għajnuna minn skemi, kif inhu xieraq. Il-Kunsillier Julian Borg qal li jaqbel ma' dan u għandu jkun hemm capping għal kull għaqda. Huwa qal li hemm għaqdiet li jħossu li qatt ma ħadu xejn. Il-Kunsillier Borg qal li jaqbel mal-kundizzjonijiet u meta jingħata finanzjament, kull materjal promozzjonali għandu jgħaddi mill-approvazzjoni tal-Kunsill jew l-amministrazzjoni. Is-Sindku reġa rrefera għal attivita' tal-mixgħela u qal li kieku ma kienx il-finanzjament tal-kunsill kieku din l-attivita' ma ssirx u allura l-ownership hija tal-Kunsill. Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace qalet li għandu jkun hemm distinzjoni bejn NGOs u l-Parroċċa għall-għajnuna finanzjarja. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-finanzi tal-Kunsill huma diġa' committed għal servizzi u proġetti kif preżentati fil-budget u kull spiża oħra barra l-budget trid titnaqqas minn item ieħor. Hija qalet li l-finanzi tal-Kunsill, kif diġa ingħad kemm 'il darba huma limitati, u bħala amministrazzjoni tagħmel kull sforz biex napplikaw għall-fondi taħt skemi biex ikun hemm xogħolijiet ulterjuri. Dan għandu jiġi kkunsidrat meta jkun hemm talbiet ta' għajnuna li mhix proġettata.

**435.3.4** Is-Sindku informa li qed isiru l-aħħar arranġamenti għall-attivita' tal-Mixgħela. Is-Sindku rringrazzja lil kull min qed jagħti s-sehem tiegħu. Il-Kunsillier Julian Borg talab li jinqata' l-ħaxix ta' fuq il-bankina fi Triq Nikola Saura anka peress li ħafna nies jitilgħu minn hemm biex jattendu għall-attivita' fil-pjazza. Is-Sindku preżenta korrispondenza mill-grupp tal-Armar fejn qed jintalbu €2500 għal mixgħela taz-zuntier u l-Pjazza mill-għaqda bħas-sena l-oħra, fost affarijiet loġistiċi. Is-Sindku talab l-approvazzjoni għat-talba finanzjarja. Il-Kunsill unanimament qabel.

**435.3.5** Is-Sindku informa li mill-aħħar informazzjoni, ix-xogħolijiet fuq il-Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier huma previsti li jibdew f'Mejju 2023.

**435.3.6** Is-Sindku informa li minn April, il-Kunsill ser ikun mal-iskema tal-GreenPak u għalhekk jispiċċa s-servizz tal-GreenMT. Huwa qal li dan għandu jfisser li s-servizz għandu jitjieb wara li fl-aħħar xhur kien hemm diversi problemi mal-iskema speċjalment fejn jirrigwarda bring-in-site, u kienet din ir-raġuni għaliex is-siti tal-bins approvati skond l-avviż legali qatt ma tpoġġew. Hu qal li qed isiru l-arranġamenti meħtieġa biex sa nofs April, is-Siġġiewi jiġi regolariżżat fin-numru ta' bring-in-sites u jitpoġġew i-bins ġodda u moderni. Dan ukoll biex jiġu evitati sanzjonijiet minn naħa tal-ERA. Huwa qal li fuq kull sit ser ikun hemm cameras imħarsa il-ħin kollu biex jiġi salvagwardjat kemm valdaliżmu u anka rimi irregolari. L-iskips ser jiġu mbattla regolari u kemm ikun hemm bżonn.

**435.3.7** Is-Sindku informa li minħabba diversi impenji kontinwi, in-newsletter mhix ser tkun lesta kif previst. Hu qal li għalissa ġie publikat fuljett b'informazzjoni relatata għall-attivitajiet kollha tal-ġimgħa mqaddsa u qed jitqassam bieb bieb. Hu qal li huwa previst li n-newsletter tinħareġ qabel il-festa. Huwa talab kollaborazzjoni mill-Kunsilliera biex jgħaddu l-artikli tagħhom, massimu ta' mitejn kelma, mingħajr dewmien.

**435.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**435.5** **Skema SPI/SCI/01/2023 - Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024**

**435.5.1** Is-Sindku preżenta Ċirkolari SPI/SCI/1/2023 lill-kunsilliera. Huwa propona li l-Kunsill japplika għall-attivita' ta' Festa Għeneb li prevista għas-17 ta' Settembru 2023, attivita' li daħlet fil-kalendarju kulturali u hija sinonima mar-raħal tagħna.

**435.5.2** Jekk approvata, l-iskema ser tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attivita' sa massimu ta' €20,000 (Inkluż il-VAT). L-applikazzjoni ser tkun għal massimu tal-ammont, u l-Kunsill jinsab f'pożizzjoni finanzjarja stabbli u li kapaċi jissodisfa l-Artiklu 7.14 taċ-Ċirkolari SPI/SCI/1/2023 dwar l-iskema, inkluż l-ammont ta' 15% li jiġi ffinanzjat lokalment.

**435.6** **Skema SPI/SCI/02/2023- Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.**

**435.6.1** Is-Sindku preżenta Ċirkolari SPI/SCI/02/2003. Għal din l-espressjoni ta' interess huwa eliġibbli xogħol ta' manutenzjoni minuri fil-libreriji pubbliċi. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera Francine Farrugia bħala responsabbli mid-dekasteru edukazzjoni biex tikkoordina din l-applikazzjoni. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li diġa qed tistħarreġ fuq il-bżonnijiet u wara manutenzjoni u kxaffar ġdid li sar is-sena l-oħra, ġie propost 'reading corner' attraenti għat-tfal u anka biex ikunu jistgħu isiru sezzjonijiet ta' story telling. Dan jinkludi xkaffar, cushions jew beanbags u seating. Il-Kunsill unanimament qabel fuq din il-proposta.

**435.7** **Skema SPI/SCI/03/2023 - The World Clean Up Campaign 2023**

**435.7.1** Is-Sindku preżenta Ċirkolari SPI/SCI/03/2023 lill-kunsilliera. Is-Sindku propona li jitnaddaf il-wied tal-Ġirgenti fil-Limiti ta' Għajn il-Kbira minn ammont ta' terrapien, debris, materjal goff u qasab b'użu ta' inġenji u anka bl-idejn.

**435.7.2** Din l-espressjoni ta' interess ser tiffinanzja sa massimu ta' €1500 (inkluż il-VAT).

**435.8** **Skema SPI/SCI/04/2023 - Skema finanzjarja- komunitajiet aktar siguri u organizzati**

**435.8.1** Is-Sindku preżenta Ċirkolari SPI/SCI/04/2023. Huwa qal li fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa mal-Pulizija tal-Komnunita' biex tiġi diskussa din l-iskema u jiġu mressqa l-proposti.

**435.9** **Skema SPI/SCI/05/2023 - Fondi ta' manutenzjoni u sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**

**435.9.1** Is-Sindku preżenta Ċirkolari SPI/SCI/05/2023 għal massimu ta' €30,000. Is-Sindku propona li terġa tiġi sottomessa l-applikazzjoni għal bankini biex ikun hemm aċċessibilta' komda u sigura' f'diversi toroq. Hu rrefera għall-applikazzjoni ta' Skema preċedenti li kienet ineliġibbli minħabba li l-Kunsill kien ibbenefika f'sena preċedenti u allura din is-sena nistgħu nissottomettu l-istess talba peress li x-xogħol għadu ma sarx. Din l-iskema tiffinanzja il-85% tal-ispiża u l-bilanċ ta' 15% jitħallas minn fondi lokali. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir l-applikazzjoni kif indikat u ddikjara li l-Kunsill huwa finanzjarjament stabbli biex jonora l-obbligazzjonijiet proposti fl-istess applikazzjoni.

**435.10** **Mozzjoni - Talba ta' espropjazzjoni mressqa mill-Kunsill is-Siġġiewi lil Infrastructure Malta, għall-ftuħ ta' toroq minn Triq Ġużeppi Busuttil għal Triq il-Fawwara u minn Triq it-Tank għal Triq Pawlu Aquilina**

**435.10.1** Il-Kunsillier Julian Borg iddikjara kunflitt ta' nteress u talab li joħroġ mill-kamra.
Is-Sindku qara l-mozzjoni.

**435.10.2** Mozzjoni:

*Billi din iz-zona fis-Siġġiewi, li tkopri Triq it-Tank, Triq Ġużeppi Busuttil, Triq Enrico Vassallo u Triq Pawlu Aquilina, l-ammont ta' familji u residenti li jirrisjedu f'dawn it-toroq żdied b'mod sinjfikanti tul dawn l-aħħar snin;*

*Billi dawn it-toroq żvillupaw b'mod konsiderevoli f'dawn l-aħħar snin u għad jrid jsir il-proċess biex jingħaqdu ma' toroq oħra arterjali, fosthom Triq Blat il-Qamar u Triq il-Fawwara fis-Siġġiewi;*

*U billi f'din iz-zona għad jrid ikun hemm żvillup addizjonali ta' bini, kemm mill-privat kif ukoll mill-Gvern,*

*U billi dawn it-toroq jekk issir talba għal espropju ta' żewġ partijiet minn din iz-zona, jiġifieri minn Triq Ġużeppi Busuttil għal Triq il-Fawwara u minn Triq it-Tank għal Triq Pawlu Aquilina;*

*U billi jekk jsir dan l-proċess ta' espropjazzjoni, dan jtejjeb l-aċċess tat-traffiku f'din il-parti tal-lokalita', filwaqt li jiffaċilita l-konnettivita' tat-traffiku għar-residenti u familji li jirrisjedu fl-imsemmija toroq hawn fuq;*

*U billi f'każ ta' inċident fi Triq Enrico Vassallo, kif tinsab fil-preżent, m'hemmx aċċess ieħor minn fejn toħroġ minn dawn it-toroq u għaldaqstant b'dawn l-interventi l-alternattivi għal ħruġ minn din iz-zona jiżdiedu minn żewġ bnadi oħra;*

*Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn 3 t'April 2023;*

*1. Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali is-Siġġiewi jressaq talba formali lil Aġenzija Transport Malta sabiex l-istess Awtorita' tilqa din it-talba u tinizja l-proċess ta' espropju taż-żewġ partijiet li jgħaqqdu t-toroq rispettivi msemmija hawn fuq f'din il-mozzjoni;*

*2. Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali is-Siġġiewi tul dan il-proċess jilħaqq jħejji pjan għal parkeġġi addizjonali u emblishment ta' din iz-zona, bl-approvazzjoni tal-awtorita' ikkonċernata;*

*Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għanda tintbgħat lill-Ministru l-Onor. Aaron Farrugia, Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, lil Ministru l-Onor. Roderick Galdes, Ministru għal Akkomodazzjoni soċjali u Affordabbli u lil Transport Malta.*

**435.10.3** Propona l-mozzjoni s-Sindku Dominic Grech
Sekondanti: il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Kurstein Sant u Adrian Farrugia

**435.10.4** Is-Sindku qal li l-mozzjoni titratta pjan ħolistiku bejn il-Kunsill Lokali u Transport Malta intiż biex il-flow tat-traffiku jitjieb, f'żoni li diġa huma identifikati bi pjanijiet ta' żieda sostanzjali fir-residenti.

**435.10.5** Il-Kunsilliera Francine Farrugia irreferiet għal paragrafu 3 tal-Mozzjoni u l-iżvilupp massiċċ li ħafna ma jaqblux miegħu. Hija rreferiet għal punti li tqajmu f'Seduti preċedenti dwar il-problemi li dan l-iżvilupp ser iġib miegħu bħal parkeġġ u żoni fgati.

**435.10.6** Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace qalet li ma jistgħux jaqblu mal-Mozzjoni għal fatt li il-Kunsilliera Nazzjonalisti huma kontra id-densita ta' social housing.

**435.10.7** Wara diskussjoni, is-Sindku talab vot fuq il-Mozzjoni.
Votazzjoni: 2 favur u 2 kontra. Is-Sindku uża l-casting vote favur il-mozzjoni.
Votazzjoni: 3 favur u 2 kontra. Il-Mozzjoni għaddiet.

**435.10.8** Il-Kunsillier Julian Borg issejjaħ jirritorna fil-kamra.

**435.10.9** Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace telqet mil-laqgħa fis-7.30pm.

**435.11 Xogħolijiet u arranġamenti tat-traffiku Triq Annabelle Vassallo, Triq Lapsi, Triq l-Imqabba**

**435.11.1** Is-Sindku qal li l-proposta għall-arranġament tat-traffiku ċirkolari fit-toroq imsemmija intbagħtet lil Transport Malta għall-approvazzjoni, biex tkun tista' tiġi attwata mal-andament tax-xogħolijiet minn Infrastructure Malta. Ix-xogħol previst li jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

**435.12 Xogħolijiet fi Triq is-Siġġiewi, Triq il-Palazz tal-Verdala, Triq iż-Żerniq, Triq Papa Pawlu VI, u Triq l-Għid**

**435.12.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat Permess RWP1-0605/23 ta' Transport Malta dwar xogħolijiet infrastrutturali minn IM fi Triq Santa Margerita (Triq is-Siġġiewi) u Triq Papa Pawlu VI. Is-Sindku qal li ix-xogżol ser jibda fil-ġranet li ġejjin wara l-Għid, bi bdil ta' servizzi, bankini u finalment il-wiċċ tat-triq. Huwa qal li l-Perit tal-Kunsill qed iħejji pjan propost għat-traffiku fil-fetħa bejn Triq Papa Pawlu VI u 'green proposals'.
Il-Kunsillier Julian Borg qal i huwa importanti li l-Kunsill ikun aġġornat f'kull stadju, anka biex ikun jista jinforma lir-residenti. Talab ukoll li jkun hemm diversions tat-traffiku kif suppost għal inqas inkonvenjent.

**435.13** **Introduzzjoni ta' Miżuri ta' sigurta' fi Triq Dun Manwel Zammit**

Is-Sindku rrefera għall-approvazzjoni ta' miżuri tas-sigurta' fi Triq Dun Manwel Zammit li s'issa għad ma ġewx attwati minħabba diversi raġunijiet. Hu qal li qed issir pressjoni ma' Transport Malta, anka bil-għajnuna tar-Reġjun biex dawn jiġu attwati mingħajr iktar dewmien. Sadattant, qed jinġiebu stimi tax-xogħolijiet minn kuntratturi approvati.

**435.14** **Tiswijiet fil-lattrina ta' Għar Lapsi**

**435.14.1** Is-Sindku informa li hemm problema tad-drenaġġ fil-lattrina ta' Għar Lapsi u għalhekk il-lattrina jista jkun li tinżamm magħluqa. Huwa qal li qed issir xi tiswija temporanja biex kemm jista' jkun tkun tista' tinfetaħ, filwaqt li qed jinġiebu stimi għal tiswijiet li minn indikazzjoni jilħqu l-eluf. Is-Sindku qal li bħalissa hemm skema reġjonali fuq tranġar u immoderniżżar ta' lattrini sa €60,000 kull Kunsill u qed titħejja BOQ f'dan ir-rigward.

**435.15** **Bidu ta' xogħol ta' restawr fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokjali**

**435.15.1** Is-Sindku qal li sar l-iffirmar tal-ftehim għax-xogħol fuq ir-restawr taz-zuntier bejn il-Ministeru tax-Xogħolijiet u l-Parroċċa. Huwa qal li l-Perit responsabbli spjega l-proċess tekniku, u x-xogħol diġa inbeda fil-workshops fejn eventwalment kull ġebla individwali ser tinbidel u x-xogħol fuq il-post isir parti parti biex ikun hemm l-inqas inkonvenjent possibbli. Ix-xogħol fuq il-post għandu jsir wara l-festa.

**435.16** **Xogħolijiet ta' manutensjoni fil-bandli Nalizpelra**

**435.16.1** Is-Sindku informa li t-tender tas-Safety Flooring jagħlaq għada. Huwa qal li sakemm jingħalaq il-proċess tal-aġġudikar u jkun jista' jibda x-xogħol, il-gradi ingħalqu biex jiġu evitati inċidenti. Twaħħlu wkoll avviżi biex jinfurmaw li hemm periklu u qed jitħejja banner b'iktar informazzjoni għall-pubbliku. Hu qal li sfortunatament, hemm min xorta qed jidħol fil-playing field u qed ikun hemm ħafna ħsarat.

**435.17** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**435.17.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**435.18** **Rapport tal-Korrispondenza**

**435.18.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**435.18.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mill-Ministeru tal-Agrikoltura dwar proposti ta' attivitajiet fl-irħula b'konnessjoni mal-Imnarja. Is-Sindku qal li d-data proposta għas-Siġġiewi kienet l-għada tal-festa, u għalhekk ġew infurmati biex possibilment jikkunsidraw data oħra. Għandha ssir laqgħa biex jiġi mistħarreġ x'qed jiproponu anka finanzjarjament. Il-Kunsill propona li d-data tal-attivita' tkun it-18 ta' Ġunju.

**435.18.3** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat talba għal permess għal filming u għeluq ta' Triq il-Qrendi għal diversi ġranet. Wara li ddiskuta t-talba, il-Kunsill ma qabilx li jingħata permess biex tingħalaq Triq il-Qrendi fl-ebda istant, iktar u iktar peress li bħalissa qed tintuża bħala ritta alternattiva minħabba li hemm Triq is-Sejba magħluqa.

**435.19** **Rapport tal-ilmenti**

**435.19.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**435.20** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**435.20.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

**435.20.2** Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għal pagamenti għal servizz illegali u talab iktar dettalji. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat.

**435.20.3** Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**435.20.4** **Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2022**
Is-Sindku preżenta kopja tar-Rapport Amminitrattiv dwar il-ħidma tal-Kunsill fis-sena li għaddiet 2022, li ġie preżentat fil-laqgħa pubblika, u pjan ta' xogħolijiet għal din is-sena kurrenti.

**435.21** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**435.21.1** Il-Kunsillier Julian Borg qal li irċieva ilmenti rigward il-kundizzjoni u l-indafa tal-lattrini speċjalment tal-Pjazza.

**435.22** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**435.22.1** Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.

**435.22.2** Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 24 t'April 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 9 t'April 2023

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv